MALTA

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Rikors Guramentat Nru: 729/2015 MH**

**Illum 23 ta'  Settembru, 2015**

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**Food Express Limited (C1591)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 30 ta' Lulju, 2015, fejn gie premess:

**"Tesponi bir-rispett:**

**Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tal-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxar (2010) u tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) hawn annessi u immarkati bhala Dok. 'A' u 'B' rispettivament, is-socjeta` attrici selfet lis-socjeta` konvenuta is-somma ta' sebghin elf euro (€70,000).**

**Illi sussegwentament saru xi pagamenti lis-socjeta` attrici imma dawn il-hlasijiet ilhom issa hafna zmien illi waqfu, u prezentament l-ammont dovut lill-istess socjeta attrici huwa ta' sebgha u erbghin elf, mija u erbatax-il-**

**euro tlieta u ghoxrin centezmu (€47,114.23) u dana kif jirrizulta mill-anness resokonti mmarkat bhala Dok. 'C' u 'D'.**

**Illi l-imsemmi ammont baqa' ma giex saldat u dana minkejja illi socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas.**

**Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta' sebgha u erbghin elf, mija u erbatax-il euro tlieta u ghoxrin centezmu (€47,114.23) hija certa likwida u dovuta u s-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' id-debitu.**

**Ghaldaqstant jghidu ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost:**

1. **Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u**

2. **Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' sebgha u erbghin elf, mija u erbatax-il euro u ghoxrin centezmu (€47,114.23) rapprezentanti l-ammont bilancjali dovut mis-socjeta` konvenuta kif inghad.**

**Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 120/2014 prezentata nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), kif ukoll bl-imghax mid-data ta' l-imsemmija ittra sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ingunzjoni tas-socjeta attrici in subizzjoni".**

Rat id-dikjarazzjoni mal-istess rikors;

Rat li msejjha l-kawza ghas-seduta tat-23 ta' Settembru 2015, deher kemm ir-rikorrenti assistit minn Dr. Joseph Ellis u l-intimat noe li ghazel li ma jigix hekk assistit;

Rat u semghet li l-partijiet lahqu ftehim dwar il-bilanc illum dovut;

Rat in-nota tal-ftehim milhuq seduta stante bejn il-partijiet, liema nota giet esebita fl-atti. Ikkonstatat li l-intimat noe fehem il-kontenut u anke ghazel li jiffirma l-istess ftehim dan wara li l-Qorti ghal diversi drabi baqghet tfehmu l-konsegwenzi taghha.

Qablu l-partijiet li kellha tinghata sentenza skont kif minnhom pattwit.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u taqta' il-kawza bla smiegh u dan b'dispensa ta' l-ewwel talba u qeghda fir-rigward tat-tieni talba tikkundanna lil konvenuti ghal hlas tas-somma ta' erbgha u erbghin elf u mitt euro (€44,100) rapprezentanti dan il-bilanc tas-somma dovuta sal-lum kif miftiehem, liema somma ghandha tithallas bir-rati mensili ta' elf u hames mitt euro (€1,500) b'dan illi jekk tali hlas ma jsirx jigi mitluf il-beneficcju tal-hlas.

Verbalment il-partijiet anke ftehmu li l-ewwel pagament kellu jibda jiddekorri mill-ahhar ta' Settembru tas-sena kurrenti.

Tikkundanna lis-socjeta  konvenuta thallas ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Miriam Hayman
Imhallef